L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

**EMENDATA**

**DIRETTIVA TAL-AWTORITÀ TAX-XANDIR**
**DWAR PROGRAMMAR U REKLAMI MXANDRA**
**FUQ RADJU U T-TELEVIŻJONI**
**MATUL IL-PERJODU**
**1 ta' Mejju sat-30 ta' Mejju 2026**

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-Artikli 15 u 23 tal-Att dwar ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir qed toħroġ din id-direttiva għall-perjodu mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Mejju 2026. Dawn id-direttivi jippreżentaw numru ta' ħtiġijiet għax-xandara skont il-coverage ta' elezzjonijiet u japplikaw ukoll il-ħtiġiet ta' LS 350.14 u anke l-provvediment kollha tal-Att dwar ix-Xandir.

## Provvedimenti legali

Il-ħtiġiet ġenerali għax-xandara fir-rigward ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti huma f'Artiklu 13 (2) (b) sa (f) tal-Att dwar ix-Xandir :

(b) li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta;
(ċ) li jingħata ħin biżżejjed lill-aħbarijiet u avvenimenti kurrenti u li l-aħbarijiet kollha fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-imparzjalità dovuta;
(d) li proporzjonijiet xierqa ta' materjal rekordjat u materjal ieħor imdaħħal fil-programmi jkunu magħmulin bil-lingwa Maltija u jirriflettu l-identità kulturali Maltija;
(e) li l-programmi mxandra, jkun fihom proporzjon sostanzjali ta' materjal li jkun maħsub sew sabiex jappella għall-interessi, gosti u preferenzi tal-pubbliku in ġenerali; u
(f) li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti

U l-provvedimenti kollha tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14.

Programmi oħra li mhumiex aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti, imma li jista' jkollhom kontenut politiku nazzjonali u lokali, ukoll huma koperti b'din id-direttiva.

Kull xandar għandu jara li r-reklamar irid ikun meħlus minn kull kontenut politiku, ma jistax jippromwovu politika, kandidat, interessi oħra politiċi relatati mal-elezzjonijiet, jew b'xi mod ikun qed jippromwovi politika jew suġġett ta' kontroversja politika kurrenti. Kull xandar għandu jara il-kontenut tar-reklam, il-kuntest tar-reklam meta u kif ser ikun qed jixxandar u l-għanijiet ta' min qed jirreklama u l-kampanja reklamatorja li tista' tintrabat miegħu dak ir-reklam.

## Skop tad-Direttiva

Din id-Direttiva se tkun qed tkopri x-xandir kollu fuq ir-radju u t-televiżjoni. Din id-Direttiva se tkun qed tgħodd għal kull trasmissjoni jew xandira jew programm li jagħmel referenza għall-elezzjonijiet u ma jinkludux biss aħbarijiet jew progammi ta' ġrajjiet kurrenti imma wkoll programmi ta' divertiment jew light entertainment u li f'waqtiet minnhom jistgħu jitrattaw il-politika. Ovvjament jekk dan il-kontenut politiku jew persuna li

tkun fil-programm, preżentatur, jew kontributur fil-programm b'xi mod t/jagħmel referenza għall-kontenut politiku jew kontroversja politika allura dan it-tip ta' kontenut irid jiġi rregolat b'din id-Direttiva.

Din id-Direttiva ma tapplikax għall-media stampata, social media u online news portals.

**Isem u dħul fis-seħħ.**

**1.** (1) Din id-Direttiva tissejjaħ id-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir dwar Programmar u Reklami mxandra matul il-perjodu bejn l-1 ta' Mejju u t-30 ta' Mejju 2026.

(2) Kif indikat aktar 'il fuq din id-Direttiva tidħol fis-seħħ minn nhar il-Ġimgħa 1 ta' Mejju 2026.

**Tifsir.**

**2.** (1) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

"l-Att" ifisser l-Att dwar ix-Xandir;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa bl-Artiklu 118 tal-Kostituzzjoni;

"Direttiva" tfisser id-Direttiva tal-Awtorità tax-Xandir dwar Programmi u Reklami mxandra matul il-perjodu 1 ta' Mejju u t-30 ta' Mejju 2026;

"elezzjonijiet" tfisser l-elezzjoni ġenerali li se jinżammu nhar is-Sibt, 30 ta' Mejju 2026;

"kandidat" tfisser kandidat għall-Elezzjoni Ġenerali li ser issir fit-30 ta' Mejju u li xi ħadd li pubblikament iddikjara li se jikkontesta;

"programmar" jinkludi *spots* sew jekk ikunu informattivi sew jekk ikunu xort'oħra; ifisser ukoll kull tip ta' kontenut inkluż anke rokna fi programm fuq radju u televiżjoni;

"reklam" tfisser reklam informattiv jew reklam li jkollu kontenut ta' natura politika jew element ta' propaganda jew policy kurrenti, inkluż kull forma ta' PSAs; ħlief PSAs li għandhom informazzjoni dwar obbligi statutorji. Jirreferu wkoll għal spot informattiv jew le għall-kandidati politiċi. Jinkludi wkoll spots imħejjija minn NGOs li jitrattaw temi kurrenti u kontroversjali.

"Bulettini tal-aħbarijiet" jinkludi wkoll aġġornamenti tal-aħbarijiet u edizzjonijiet speċjali.

Kull referenza għall-maskil tinkludi wkoll l-femminil.

(2) Il-kliem u l-frażijiet użati f'din id-Direttiva jfissru l-istess kif inhuma mfissra fl-Att dwar ix-Xandir.

Din id-Direttiva tgħodd kemm għall-istazzjon pubbliku kif ukoll għall-istazzjonijiet privati.

**Għoti ta' Skedi ta' Progammi lill-Awtorità**

**3.** (1) Mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2026, kull stazzjon tax-xandir irid, fejn possibli, jagħti lill-Awtorità skeda dettaljata tal-programmi u reklami. Din l-iskeda trid tkopri l-perjodu mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Mejju 2026.

(2) Fejn l-istazzjon ixandar programmi ta' ġrajjiet kurrenti, programmi ta' diskussjoni, programmi ta' ġurnaliżmu investigattiv, programmi oħra li jinkludu mistiedna sabiex jagħtu opinjonijiet dwar ġrajjiet kurrenti u programmi ta' natura simili għal dawn, waqt il-perjodu hawn fuq imsemmi, irid jibgħat lill-Awtorità s-suġġett ta' dak il-programm u dettalji tar-rappreżentanza li se jkunu qed jieħdu sehem fih bid-dettalji għall-approvazzjoni tal-Awtorità. Dan għandu jsir ġimgħa qabel sa mhux iżjed min- nofsinhar tal-jum tal-Ġimgħa għall-ġimgħa segwenti ħlief għal dawk il-jumejn ta' silenzju. L-approvazzjoni filwaqt li ma teżentax il-ħruġ ta' akkuża jew kwalunkwe ilment, tirreferi biss għall-inklużjoni tal-partiti politiċi u bl-ebda mod ma tirreferi għall-kontenut tax-xandira. F'każ ta' diskussjonijiet, dibattiti jew programmi oħra għandu jkun hemm il-parteċipazzjoni ta' kull partit politiku li jridu jitqassmu b'mod ġust u mhux skont ir-rappreżentanza tagħhom. Jekk tara li mhux qed ikun hemm tqassim ġust, l-Awtorità tista' tieħu miżuri oħra li tara li huma xierqa f'dak il-perjodu u/jew timxi bl-istess mod kif timxi fil-produzzjoni tal-iskema tax-xandiriet politiċi li ttella' hi stess. Din it-tip ta' informazzjoni tal-kontenut tal-programmi għandha tintbagħat kull ġimgħa lill-Awtorità għaliex nifhmu li dejjem ikun hemm aġġornamenti fl-għażla tas-suġġetti u l-mistiedna anke minħabba l-fatt li dawn huma temi kurrenti. L-istess informazzjoni trid tintbagħat għall-programmi ta' ġeneri oħra li fihom jipparteċipaw kandidati. Minbarra skeda dettaljata, l-istazzjon għandu jipprovdi wkoll ir-*running order* li jagħti dawl tal-kontenut tal-programm.

(3) Wara li l-Awtorità tapprova din l-iskeda ta' programmi, l-istazzjon jista' jagħmel xi bidliet f'każijiet eċċezzjonali u dan wara li jitlob għal dan bil-kitba u jagħti dettalji għall-approvazzjoni tal-Awtorità. Din it-talba għal tibdil fl-iskeda ta' programmi trid tasal għand l-Awtorità mhux anqas minn tlett ijiem qabel id-data tal-bidla proposta.

(4) L-ebda produzzjoni jew reklam b'xejra politika ma jista' jixxandar minn stazzjon qabel ma tingħata l-approvazzjoni msemmija fis-sub-artiklu (1) u (2) ta' dan l-Artiklu sakemm dan ma jkunx parti minn skema approvata mill-Awtorità. Sakemm tiġi approvata l-bidla mitluba fl-iskeda ta' programmi mill-Awtorità, l-istazzjon m'għandux ixandar materjal promozzjonali dwar il-programmi li jkunu qed jiġu proposti li jixxandru mill-istazzjon inkwistjoni. L-ebda programm jew reklam ma jista' jinkoraġixxi lill-poplu li jivvota għal partit jew kandidat partikolari. Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat illi l-programmi kollha u r-reklamar kollu ma jkunx fihom materjal li jista' jiġi interpretat li qed jiffavorixxi jew li qed jagħti prominenza mhux dovuta mhux f'waqtu lil xi partit politiku, jew kandidat jew li jista' raġjonevolment jitqies li huwa immirat lejn għan politiku jew jinfluwenza x-xejra politika. Għalhekk b'mod partikolari, ma jkunx aċċettabbli :-

(i) li fil-każ ta' reklami jew PSAs mtellgħa minn entitatjiet pubbliċi jew entitatjiet oħra, jidhru persuni li jkunu ressqu l-kandidatura tagħhom għal dawn l-elezzjonijiet, anki meta l-istess reklam ma jkunx jitqies bħala reklam politiku għall-fini tal-Att dwar ix-Xandir;

(ii) f'każijiet fejn jixxandru avviżi ta' obbligi ta' servizzi informattiv jew spots imtellgħa minn NGOs li jistgħu ma jkunux speċifikament jinfluwenzaw il-fehma politika, l-editur tal-istazzjon irid jara li dawn ma jkunux qed jiksru din id-Direttiva jew xi provvedimenti fil-liġi f'dan ir-rigward.

(iii) li programm imsemmi fis-sub-artiklu (1) ta' dan l-Artiklu jiġi ppreżentat minn persuna li tkun resqet għal dawn l-elezzjonijiet, jew kienet membru Parlamentari fl-aħħar leġislazzjoni sa meta l-Parlament ġie xolt, sakemm din il-persuna ma tkunx impjegata regolari mal-istazzjon li jkun qed ixandar il-programm jew mal-produzzjoni li jkunu qed jittellgħu. F'każijiet bħal dawn, l-Awtorità żżomm id-dritt li titlob prova li dik il-persuna hija impjegata b'mod full-time mal-istazzjon jew ma' production house għal żmien li l-Awtorità tqisu raġonevoli.

(iv) Kull rappurtaġġ jew informazzjoni dwar dak marbut ma' organi tal-Unjoni Ewropea jew tema nazzjonali/Ministerjali irid jiġi rrapurtat b'kawtela u tinżamm biss ma' każijiet fejn huwa rappurtaġġ ta' aħbar jew ta' natura kurrenti.

(v) li persuna li tkun ressqet għal dawn l-elezzjonijiet tidher f'sigla tal-ftuħ jew għeluq ta' programm.

(vi) rappurtaġġ ta' aħbarijiet li jistgħu saħansitra jkunu ta' kronaka, inkluż kwalunkwe rapport imressaq kontra kandidat, irid isir b'kawtela biex b'xi mod ma jkunx hemm xi influwenzi politiċi jew propogandistiċi fuq l-elettorat. Dan jinkludi membri familjari tas-suġġett.

(vii) Meta jiġu rrapurtati Kapijiet jew Mexxejja tal-partiti fir-rappurtaġġ ta' aħbarijiet dwar avveniment ta' filantropija l-istazzjon irid ikun kawt minn kummenti li jsiru imma wkoll jara li jkun hemm imparzjalità u bilanċ fir-rappurtaġġ tagħhom. Kandidati li se jkunu preżenti f'dawn il-maratoni ma jistax jitteħdilhom kumment bħala parti mix-xandira u lanqas ma jistgħu jiġu rrapurtati fl-aħbarijiet u lanqas ma jkun hemm prominenza żejda viżwalment.

(viii) li persuna li tkun ressqet jew bi ħsiebha tressaq il-kandidatura tagħha għal dawn l-elezzjonijiet tipparteċipa fi programm/xandira matul dan il-perjodu anke fil-vesti professjonali tagħha fi kwalunkwe programm.

(5) Huwa l-obbligu ta' kull stazzjon li programmi li għandhom x'jaqsmu ma' xi materja ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferu għall-policy pubblika kurrenti jridu jiġu ppreżentati b'imparzjalità. Fi programmi ta' diskussjoni li se jkunu jitrattaw temi li b'xi mod huma marbuta mal-Elezzjoni Ġenerali, irid ikun hemm rappreżentazzjoni ekwa tal-opinjonijiet tal-partiti li qed jikkontestaw l-Elezzjoni Ġenerali 2026.

(6) F'dan il-perjodu, l-ebda stazzjon ma jista' jxandar attivitajiet politiċi organizzati mill-kandidati tal-Elezzjoni Ġenerali 2026.

(7) Il-parteċipazzjoni ta' kandidati fuq dawn il-programmi indikati f'Artiklu 3(1) ta' din id-Direttiva għandha ssir abbażi ta' proporzjonalità u fi tħaris taż-żamma ta' imparzjalità u bilanċ.

(8) Kull parteċipant sew jekk f'isem partit sew jekk indipendenti jrid ikollu l-ewwel intervent tiegħu fl-ewwel nofs tal-programm. F'każ li l-programm kollu jkun jikkonsisti f'interventi minn kandidati jew tal-partiti jew indipendenti għandha tittieħed in konsiderazzjoni li mhux dejjem l-istess kandidat jew l-istess partit jitpoġġa fl-aħħar jew lejn l-aħħar tal-programm.

(9) F'każ tas-sub-artiklu 4 t'hawn fuq, l-Awtorità tista', jekk ma tkunx sodisfatta li dan jaqbel ma' dak li hemm provdut f'Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni, tirrifjuta jew tirrikjedi varjazzjoni ta' dak propost. L-Awtorità għandha tara, b'mod partikolari, li fejn għandu x'jaqsam mal-għażla tas-suġġetti u ta' dawk li jkunu ser jieħdu sehem, l-istazzjon jimxi ma' dak li hemm maħsub fl-Artiklu 119 u f'din id-Direttiva.

(10) Għall-fini ta' din id-Direttiva, "natura politika" jew "xejra politika" jfissru opinjoni kontroversjali jew ta' propaganda marbuta fil-qofol tagħhom mas-soċjetà moderna li jkunu fil-qalba ta' dibattitu politiku u jinkludu wkoll il-kampanja tal-Elezzjonijiet Ġenerali.

(11) L-Awtorità tinsisti fuq iż-żamma ta' bilanċ u imparzjalità hekk kif mitluba minn Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni li titlob illi "… il-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti".

(12) F'każ li editur ta' stazzjon jagħżel li jirraporta kummenti minn fuq xi forma ta' pjattaforma soċjali, għandu jassigura ruħu li jġib veduti oħra kif espressi minn ħaddieħor fuq pjattaformi oħra.

(13) L-istazzjonijiet politiċi jitqiesu fid-dawl tad-dispożizzjoni fakoltattiva mogħtija lill-Awtorità skont Artiklu 13 (2) tal-Att dwar ix-Xandir.

**Dibattiti bejn il-kapijiet/mexxejja tal-partiti**

**4.** F'każ li jkun hemm dibattiti bejn il-kapijiet/mexxejja tal-partiti inkluż il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni għandu jingħad li l-aħħar dibattitu jkun dak imtella' fl-iskema tal-Awtorità tax-Xandir. Dan jgħodd kemm għar-radju u t-televiżjoni.

**Applikazzjoni tal-Kodiċi għall-Investigazzjoni u d-Determinazzjoni tal-Ilmenti.**

**5.** Dawn it-tibdiliet għandhom japplikaw matul il-perjodu 1 ta' Mejju sat-30 ta' Mejju 2026 għall-Kodiċi għall-Investigazzjoni u d-Determinazzjoni tal-Ilmenti:

(i) l-ilmenti jkunu indirizzati lill-Awtorità u mhux lill-istazzjonijiet tax-xandir;

(ii) l-Awtorità tista' titlob spjega mill-istazzjon tax-xandir dwar l-ilment imsemmi skont kemm tħoss hi li din tkun meħtieġa għall-każ;

(iii) kull spjega jew tagħrif bħal dan irid jingħata lill-Awtorità mill-istazzjon tax-xandir mhux aktar tard minn nofsinhar tal-għada jew qabel, skont kif tordna l-Awtorità.

(iv) Il-Bord tal-Awtorità jadotta proċedura diversa minn dik ordinarja għajr għal dawk l-akkużi/ilmenti li ma jinkwadrawx taħt din id-Direttiva.

**Regolamenti li l-istazzjonijiet iridu jsegwu matul il-ġurnata qabel l-elezzjonijiet u dakinhar tal-votazzjoni.**

**6.** (1) Fil-ġurnata ta' lejlet l-elezzjonijiet u dakinhar tal-votazzjoni (minn issa 'l quddiem magħruf bħala "il-kampanja ta' żmien is-skiet"), ma jista' jsir ebda xorta ta' xandir li b'xi mod jista' jinfluwenza l-votanti. L-elezzjonijiet qed jirreferu għall-elezzjoni tal-Elezzjoni Ġenerali. Il-jum tas-silenzju ma jfissirx li kull coverage ta' aħbarijiet huwa pprojbit u temi kurrenti li mhumiex relatati mal-elezzjoni jistgħu jiġu rrappurtati, mxandra jew diskussi. Iżda l-ebda aħbar jew kontenut ta' xandir li b'xi mod jista' jkun intenzjonat li jinfluwenza jew jimmanipula d-deċiżjoni tal-votanti ma tista' tixxandar fil-jumejn tas-silenzju.

(2) Bla ebda preġudizzju għas-sub-artiklu (1) ta' dan l-artiklu, matul il-kampanja ta' żmien is-skiet ser jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti:

(i) għandhom jiġu evitati sitwazzjonijiet minn stazzjonijiet li matul il-perjodu ta' żmien is-skiet ikunu trasmessi programmi li jistgħu raġjonevolment jiġu interpretati li qed jixxandru bil-ħsieb li jinfluwenzaw il-votanti;

(ii) trid tieqaf kull xorta ta' preżentazzjoni mix-xandir ta' avvenimenti tal-partiti politiċi, kandidati u ta' movimenti u organizzazzjonijiet oħra li għandha x'taqsam mal-elezzjonijiet. Dan ix-xandir jista' jkun kemm xandir ta' avvenimenti/proġetti live jew irrekordjati;

(iii) ix-xandar irid jara li ma jistax jirrepeti programmi li jista' jkollhom materjal li jmur kontra d-direttiva għall-jumejn tas-silenzju;

(iv) l-istazzjonijiet ma jxandrux tagħrif, dikjarazzjonijiet, stqarrijiet tal-Gvern lill-istampa u lix-xandir, kif ukoll dawk tal-Oppożizzjoni, tal-politiċi, tas-Sindki jew Kunsilliera, tal-partiti politiċi u ta' organizazzjonijiet u movimenti li għandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet, u kull xorta ta' xandir ieħor li bil-miftuħ jew bil-moħbi għandu natura politika, għandu kontenut politiku jew li jista' b'xi mod jinfluwenza d-deċiżjoni tal-votanti. Lanqas ma jistgħu jixxandru reklami informattivi mtellgħa minn entitajiet pubbliċi, inkluż *Public Service Announcements*, sakemm dawn ma jkunux qed iħabbru obbligi statutorji u jkunu ta' natura urġenti;

(v) lanqas ma jistgħu jixxandru analiżi tal-gazzetti, sorsi oħra jew pjattaformi soċjali oħra, li fihom ikun hemm element ta' politika jew kontroversja jew analiżi ieħor ta' rappurtaġġ li jista' jħajjar jew jimmanipula l-opinjoni tal-udjenza. Lanqas ma jista' jkun hemm referenzi ta' xi kummenti li jkunu xandru jew dehru fuq pjattaformi ta' media soċjali.

(vi) kull programm li għandu x'jaqsam ma' Kunsilli Lokali jew avvenimenti li jkunu ġew organizzati mill-Kunsilli Lokali m'għandhomx jixxandru f'dan il-perjodu jekk ikunu jinkludu affarijiet politiċi.

(vii) dan li ġej ma jistax isir:
a. propaganda;
b. tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kampanja elettorali, u
c. avviżi maħsuba għall-preżentazzjoni ta' programmi, *logos*, *mottos* u simboli ta' partit politiku u ta' kandidat;
d. avviżi dwar kif persuna tista' tivvota u jiġi speċifikat kandidat jew partit. Madanakollu jista' jingħata tagħrif mhux politiku dwar kif wieħed għandu jivvota.

(viii) ma tistax issir kull xorta ta' preżentazzjoni fix-xandir li b'xi mod hi dwar il-kampanja elettorali (bħalma huma preżentazzjonijiet, propaganda politika, programmi ta' diskussjoni, intervisti, eċċ);

(ix) fir-rapporti dwar il-votazzjoni u attivitajiet oħra dwar l-elezzjonijiet, l-istazzjonijiet jitħallew ixandru bil-prudenza kollha tagħrif dwar fatti li jkollhom valur ta' aħbar evidenti bħal ksur li seta' sar fil-proċeduri tal-votazzjoni kif ukoll dwar xi inċidenti li jinqalgħu fil-post tal-votazzjoni jew barra u wkoll dikjarazzjonijiet uffiċjali dwar kif inhi sejra l-votazzjoni hekk kif dawn joħorġu minn ħin għal ieħor mill-Kummissjoni Elettorali, basta li ma tkunx aħbar maħruġa mill-partiti politiċi jew mill-kandidati nfushom jew aħbar ipprovokata jew ġenerata mill-partiti politiċi jew mill-kandidati għall-gwadann politiku;

(x) stazzjonijiet ma jistgħux ixandru stejjer li jkunu qed jidhru fuq siti elettroniċi li jmorru kontra r-regolamenti tal-jumejn tas-silenzju, anki jekk l-istess siti jkunu operati mill-partiti politiċi jew mill-kandidati.

(3) Jistgħu jixxandru, dikjarazzjonijiet u stqarrijiet dwar xi inċidenti imsemmija f'Paragrafu (viii) ta' sub-artiklu (2) ta' dan l-Artiklu li joħorġu matul il-kampanja ta' żmien is-skiet, meta jkunu għalqu l-postijiet kollha tal-votazzjoni.

(4) Għall-għan ta' dan l-Artiklu:-

"propaganda" favur jew kontra tfisser kull xorta ta' preżentazzjoni ta' xandir li għandha x'taqsam b'xi mod mal-kampanja elettorali. Propaganda tinkludi wkoll kull preżentazzjoni fuq il-mezzi kollha tax-xandir ta' kandidati, simboli, sinjali jew għeliem oħra u materjal propagandistiku ta' partiti politiċi u kandidati li għandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet;

"tagħrif li għandu x'jaqsam ma' kampanja elettorali" tfisser ġabriet ta' aħbarijiet u programmi oħra li jagħtu:

- tagħrif dwar kull xorta ta' ħidma ta' propaganda li saret qabel ma waslet biex tibda l-kampanja ta' żmien is-skiet;
- dikjarazzjonijiet u stqarrijiet tal-partiti politiċi, kandidati li għandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet;
- tagħrif dwar x'jagħmlu dawk li għandhom funzjoni fl-uffiċċji tal-Gvern u l-uffiċjali li għandhom x'jaqsmu mal-kampanja tal-elezzjonijiet u tagħrif ieħor li jsir minn entitatijiet tal-Gvern (ftuħ ta' bini ġdid u proġetti tal-infrastruttura, varar ta' proġetti, riżultati u kisbiet, jew bħala rapporti f'xandiriet regolari jew speċjali, eċċ.);

"avviżi maħsuba biex jidhru fi programmi, *logos*, *mottos* u simboli/għeliem ta' partit politiku, kandidati li għandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet" tfisser kull xorta ta' propaganda politika (avviżi, stqarrijiet, reklamar politiku, rekordings jew siltiet minn xi rekordings ta' ġemgħat ta' nies u dehriet oħra fil-pubbliku ta' dawk li qed jieħdu sehem fil-kampanja tal-elezzjonijiet).

(5) Mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad fis-sub-artikoli preċedenti ta' dan l-Artiklu, l-ebda stazzjon m'għandu jxandar materjal dwar l-elezzjonijiet matul il-perjodu ta' żmien is-skiet. Dan japplika għal kull programm tat-televiżjoni u radju, inkluż l-aħbarijiet.

(6) F'jum il-votazzjoni hu permess li jixxandar dan li ġej:

(i) l-andament tal-votazzjoni, jiġifieri informazzjoni dwar kemm ivvutaw nies u informazzjoni dwar x'ikun qed jiġri fil-postijiet tal-votazzjoni;

(i) kull meta jissemmew il-kandidati tal-elezzjonijiet, l-istazzjonijiet tal-partiti politiċi (NET Television, NET FM, ONE Radio, u ONE) għandhom isemmu l-ewwel il-kandidati tal-partit rispettiv tagħhom, imbagħad jissemmew il-kumplament tal-kandidati skont il-polza tal-vot; u l-istazzjonijiet l-oħra kollha li jagħżlu li jsemmu l-kandidati tal-elezzjonijiet għandhom isemmuhom fl-ordni li jidhru fih fil-polza tal-vot;

(iii) Meta stazzjon jiddeċiedi li jxandar filmati dwar l-andament tal-proċess elettorali, n-nies murija jew irrappurtati għandhom ikunu il-mexxejja u/jew deputati mexxejja, il-Kap, u/jew

deputat kapijiet tal-partiti kollha li se jikkontestaw fl-Elezzjoni Ġenerali. Jistgħu jidhru wkoll il-kandidati indipendenti li se jikkontestaw. F'każ fejn se jkun hemm kandidat wieħed li se jikkontesta f'isem partit, jista' jidher hu/hi biss. Dawn li huma indikati f'dan il-paragrafu jridu jidhru biss deħlin jivvutaw u jixħtu l-vot jew ħerġin mill-post tal-votazzjoni. Bl-ebda mod m'għandhom jixxandru kummenti tagħhom fuq il-mezzi tax-xandir jew rappurtaġġ tal-kummenti tagħhom sal-għeluq tal-votazzjoni. Dan jinkludi wkoll kull kumment li l-uffiċjali tal-partiti jistgħu jagħmlu quddiem il-post tal-votazzjoni hekk kif ikunu għadhom kemm ivvutaw;

(iv) l-istazzjonijiet ma jistgħux iwasslu l-ebda messaġġ li jista' jinfluwenza l-votant. Barra minn hekk m'għandhom lanqas iħeġġu liċ-ċittadini biex imorru jivvutaw għal xi partit speċifiku jew biex ma jmorrux jivvutaw.

**Referenzi għall-media soċjali**

**7.** (1) Kull referenza għal dak li tidher fuq il-media soċjali u li titratta politika, elezzjoni, kontroversji politiċi jew industrijali trid tiġi rrapurtata b'kawtela u tħares l-obbligi li joħorġu mill-Att u mil-Leġislazzjoni Sussidjarja. Apparti dawn l-obbligi, x-xandara iridu jaraw li r-referenzi lejn il-mezzi soċjali jridu jkunu akkurati, ġusti, oġġettivi u imparzjali.

**Stħarriġ tal-Opinjoni Pubblika**

**8.** (1) L-Awtorità tirreferi wkoll għal Ħtiġijiet dwar Standards u Prattika dwar id-Diversi Tipi ta' Stħarriġ tal-Opinjoni Pubblika Mxandra fuq is-Servizzi ta' Radju u Televiżjoni (LS 350.21) li għandhom dispożizzjonijiet relatati mal-elezzjonijiet.

(2) L-istħarriġ tal-opinjoni pubblika m'għandux biss jagħti r-riżultat ta' dan l-istħarriġ imma għandu jkun ta' għarfien lill-udjenza billi jagħti informazzjoni bażika u għaldaqstant irid ikun irregolat mil-leġislazzjoni li diġà hija applikabbli u msemmija aktar 'il fuq.

(3) Minħabba li stħarriġ tal-opinjoni pubblika huma għodda biex tinforma lill-udjenza tal-intenzjonijiet fil-votazzjoni allura ma jista' jsir l-ebda xandir ta' opinjoni pubblika dwar l-elezzjonijiet mit-Tnejn 25 ta' Mejju sal-għeluq tal-votazzjoni tas-Sibt 30 ta' Mejju 2026.

**Għoti ta' Skeda għall-Perjodu ta' Żmien is-Skiet**

**9.** (1) Mhux aktar tard minn nofsinhar mil-Ħamis 21 ta' Mejju 2026 kull stazzjon tax-xandir irid jagħti lill-Awtorità skeda dettaljata tal-programmi għal matul il-perjodu ta' żmien is-skiet biex tiġi approvata mill-Awtorità. F'dan il-perjodu m'għandhomx jixxandru programmi li fin-natura tagħhom jitrattaw temi relatati mal-Elezzjoni Ġenerali.

**Riżerva ta' ħin għall-korezzjoni ta' imparzjalità u bilanċ**

**10.** (1) L-Awtorità ħasset il-bżonn li biex tiżgura li jitħarsu l-elementi ta' bilanċ u imparzjalità qed tordna lil kull stazzjon li għandu liċenzja sabiex ixandar aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti sabiex jalloka ħin ta' għoxrin minuta bejn is-7pm u l-11pm nhar id-28 ta' Mejju li matulhom il-Bord tal-Awtorità tax-Xandir jista' tordna xandiriet speċifiċi biex tiżgura li jkun ġie korrett kwalunkwe żbilanċ jew nuqqas ta' imparzjalità. Nuqqas ta' aderenza għal din l-ordni timplika ksur ta' din id-Direttiva u

possibilment ksur ta' Artiklu 38 ta' Kap 350.

**Ksur tad-Direttiva**

**11.** (1) Fl-eventwalità ta' ksur, stazzjon li jkun mgħarraf permezz ta' akkuża, li matul dan il-perjodu trid tiġi imwieġba fi żmien 24 siegħa, jkun obbligat iħallas dawn is-somom indikati fi Skeda 5 ta' Kap 350 bir-rata mnaqqsa f'każ ta' ammissjoni jew bir-rata oriġinali f'każ ta' kontestazzjoni meta l-Bord jilqa' l-akkuża.

(2) L-Awtorità tissindika wkoll dawk il-każi ta' ksur repettitiv u kontinwu u tirriżerva wkoll id-dritt li toħroġ akkuża għal kull wieħed kif ukoll il-miżura aħħarija skont Artiklu 38 ta' Kap 350.

(3) Għall-fini ta' rimedju effettiv li l-board tal-Awtorità tax-Xandir iħoss li għandu jingħata minħabba ksur ta' bilanċ u/jew imparzjalità, l-Awtorità qed tagħmel ukoll referenza għal sezzjoni 10 ta' din id-Direttiva billi tordna lill-istazzjon li jkun ħoloq dik il-lanjanza ixandar messaġġ/i tal-partit/kandidat li jkun ingħata raġun f'ilment, sabiex jiġu żgurati dawn l-elementi.

30 ta' April 2026

---o---